# Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Awla tal-Appell)
21 ta' Mejju 2014

Kawża T-347/12 P

**Dana Mocová**
**vs**
**Il-Kummissjoni Ewropea**

"Appell — Servizz pubbliku — Membri tal-persunal temporanju — Kuntratt għal żmien determinat — Deċiżjoni li ma jiġġeddidx — Ċaħda tal-ilment — Obbligu ta' motivazzjoni — Raġuni ppreżentata fid-deċiżjoni li tiċħad l-ilment"

**Suġġett:** Appell mis-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tielet Awla), tat-13 ta' Ġunju 2012, Mocová vs Il-Kummissjoni (F-41/11), u intiż għall-annullament ta' din is-sentenza.

**Deċiżjoni:** L-appell huwa miċħud. Dana Mocová għandha tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea fil-kuntest ta' din l-istanza.

**Sommarju**

*1. Rikors tal-uffiċjali — Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni ta' ċaħda tal-ilment — Effett — Tressiq tal-att ikkontestat quddiem il-qorti — Eċċezzjoni — Deċiżjoni nieqsa minn natura konfermattiva*
*(Regolamenti tal-Persunal, Artikoli 90 u 91)*

*2. Rikors tal-uffiċjali — Ilment amministrattiv li għandu jitressaq qabel — Konkordanza bejn l-ilment u r-rikors — Identiċità tas-suġġett u tal-kawża — Għan — Ftehim bonarju dwar it-tilwima*
*(Regolamenti tal-Persunal, Artikoli 90 u 91)*

*3. Uffiċjali — Promozzjoni — Ilment minn kandidat li ma ġiex promoss — Deċiżjoni ta' ċaħda — Obbligu ta' motivazzjoni — Portata*
*(Regolamenti tal-Persunal, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 25, Artikoli 45 u 90(2))*

*4. Rikors tal-uffiċjali — Ilment amministrattiv li għandu jitressaq qabel — Konkordanza bejn l-ilment u r-rikors — Identiċità tas-suġġett u tal-kawża — Motivi u argumenti li ma jidhrux fl-ilment, iżda li huma intiżi sabiex jikkontestaw il-fondatezza tal-motivazzjoni esposta fit-tweġiba għall-ilment — Ammissibbiltà*
*(Regolamenti tal-Persunal, Artikoli 90 u 91)*

*5. Rikorsi tal-uffiċjali — Evalwazzjoni tal-legalità tal-att ikkontestat abbażi tal-punti ta' fatt u ta' liġi eżistenti fil-mument tal-adozzjoni tiegħu*
*(Regolamenti tal-Persunal, Artikolu 91)*

1. L-ilment amministrattiv u ċ-ċaħda tiegħu, espliċita jew impliċita, huma parti integrali minn proċedura kumplessa u jikkostitwixxu biss kundizzjoni preliminari sabiex issir kawża. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-rikors, anki jekk formalment intiż kontra ċ-ċaħda tal-ilment, għandu bħala effett li jirreferi lill-qorti l-att li jikkawża preġudizzju li kontra tiegħu l-ilment ġie ppreżentat, ħlief fl-ipoteżi fejn iċ-ċaħda tal-ilment ikollha portata differenti minn dik tal-att li kontra tiegħu ġie fformat l-ilment. Fil-fatt, deċiżjoni espliċita ta' ċaħda ta' lment, tista', fid-dawl tal-kontenut tagħha, ma jkollhiex natura konfermatorja tal-att kkontestat mir-rikorrent. Dan ikun il-każ meta d-deċiżjoni ta' ċaħda tal-ilment ikun fiha eżami mill-ġdid tas-sitwazzjoni tar-rikorrent fir-rigward tal-punti ta' liġi u ta' fatt ġodda, jew meta timmodifika jew tissupplimenta d-deċiżjoni inizjali. F'din l-ipoteżi, iċ-ċaħda tal-ilment tikkostitwixxi att suġġett għall-istħarriġ tal-qorti, li teħodhom inkunsiderazzjoni fl-evalwazzjoni tal-legalità tal-att ikkontestat, jew tqishom att li jikkawża preġudizzju li jissostitwixxi lil dan tal-aħħar.

(ara l-punt 34)

Referenza:

Il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea: 21 ta' Settembru 2011, Adjemian *et* vs Il-Kummissjoni, T-325/09 P, Ġabra p. II-6515, punt 32, u l-ġurisprudenza ċċitata

2. Ir-regola ta' konkordanza bejn ir-rikors u l-ilment tfittex b'dan il-mod li tevita li l-uffiċjal jew il-membru tal-persunal jinvoka ċerti lmenti, jew kollha flimkien, biss matul il-fażi kontenzjuża, bil-konsegwenza li kull possibbiltà ta' ftehim bonarju tkun imnaqqsa ħafna. F'dawn iċ-ċirkustanzi, fil-fatt, jekk ma jkollhiex il-possibbiltà li tkun taf bi preċiżjoni suffiċjenti l-ilmenti jew id-desiderata tal-persuna kkonċernata, l-amministrazzjoni ma jkollha l-ebda possibbiltà li tilqa' l-pretensjonijiet tiegħu, jew li tipproponi soluzzjoni bonarja u, b'hekk, li ma tissuġġettax direttament it-tilwima għad-deċiżjoni tal-qorti.

L-għan intiż li jippermetti lill-persuna kkonċernata u lill-amministrazzjoni jaslu għal ftehim bonarju fil-fażi prekontezjuża madankollu ma jfissirx li l-uffiċjal għandu, f'kull ċirkustanza, id-dritt li jikkontesta, fil-fażi prekontenzjuża, kull raġuni ġdida invokata mill-amministrazzjoni fil-kuntest tal-fażi amministrattiva.

(ara l-punti 39 u 40)

Referenza:

Il-Qorti tal-Ġustizzja: 23 ta' Ottubru 1986, Schwiering vs Il-Qorti tal-Awdituri, 142/85, Ġabra p. 3177, punt 11

Il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea: 12 ta' Marzu 1996, Weir vs Il-Kummissjoni, T-361/94, ĠabraSP p. I-A-121 u II-381, punt 27

3. Għalkemm l-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ma hija marbuta timmotiva deċiżjoni ta' promozzjoni la fir-rigward tad-destinatarju tagħha u lanqas fir-rigward tal-kandidati mhux promossi, hija għandha, min-naħa l-oħra, l-obbligu li timmotiva d-deċiżjoni tagħha ta' ċaħda ta' lment imressaq bis-saħħa tal-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal minn kandidat mhux promoss, peress li l-motivazzjoni ta' din id-deċiżjoni ta' ċaħda titqies li taqbel mal-motivazzjoni tad-deċiżjoni li kontriha jkun indirizzat l-ilment. Il-motivazzjoni għandha tingħata mhux iktar tard miċ-ċaħda tal-ilment.

Reċiprokament, din l-awtorità ma hijiex marbuta li tirrispondi b'mod espliċitu għall-ilment, meta d-deċiżjoni inizjali tkun hija stess motivata.

(ara l-punti 41 u 42)

Referenza:

Il-Qorti tal-Ġustizzja: 30 ta' Ottubru 1974, Grassi vs Il-Kunsill, 188/73, Ġabra p. 1099, punt 13; 16 ta' Diċembru 1987, Delauche vs Il-Kummissjoni, 111/86, Ġabra p. 5345, punt 13; 7 ta' Frar 1990, Culin vs Il-Kummissjoni, C-343/87, Ġabra p. I-225, punt 13; 9 ta' Diċembru 1993, Il-Parlament vs Volger, C-115/92 P, Ġabra p. I-6549, punt 23

Il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea: 12 ta' Frar 1992, Volger vs Il-Parlament, T-52/90, Ġabra p. II-121, punt 36; 6 ta' Lulju 1999, Séché vs Il-Kummissjoni, T-112/96 u T-115/96, ĠabraSP p. I-A-115 u II-623, punt 76; 20 ta' Frar 2002, Roman Parra vs Il-Kummissjoni, T-117/01, ĠabraSP p. I-A-27 u II-121, punt 26; 12 ta' Diċembru 2002, Morello vs Il-Kummissjoni, T-338/00 u T-376/00, ĠabraSP p. I-A-301 u II-1457, punt 48; 15 ta' Settembru 2005, Casini vs Il-Kummissjoni, T-132/03, ĠabraSP p. I-A-253 u II-1169, punt 32

4. Fil-kuntest tar-rispett tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva u fl-ipoteżi fejn il-persuna li tagħmel l-ilment issir taf bil-motivazzjoni tal-att li jkun ta' preġudizzju għaliha permezz tar-risposta għall-ilment tagħha jew fl-ipoteżi fejn l-imsemmija motivazzjoni timmodifika, jew tissupplimenta, sostanzjalment, il-motivazzjoni li tinsab f'dan l-att, kull motiv imressaq għall-ewwel darba fil-fażi tar-rikors u intiż li jikkontesta l-fondatezza tal motivi esposti fir-risposta għandu jitqies li huwa ammissibbli. Fil-fatt, f'dawn l-ipoteżijiet, il-persuna kkonċernata ma tkunx tqiegħdet f'pożizzjoni li ssir taf bi preċiżjoni u b'mod definittiv ir-raġunijiet wara l-att li jikkawżalha preġudizzju.

(ara l-punt 44)

5. Il-legalità ta' deċiżjoni għandha tiġi evalwata fid-dawl tal-fatti u tal-punti ta' liġi li minnhom tiddisponi l-istituzzjoni fil-mument li tadotta l-imsemmija deċiżjoni. Madankollu, fid-dawl tan-natura evoluttiva tal-fażi prekontenzjuża, ir-redazzjoni tal-att li jiffissa l-pożizzjoni definittiva tal-istituzzjoni tispiċċa mal-adozzjoni tar-risposta magħmula mill-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti għall-ilment imressaq mill-membru tal-persunal temporanju. Isegwi li l-legalità tal-att definittiv li jikkawża preġudizzju lil dan il-membru tal-persunal tiġi evalwata fid-dawl tal-fatti u tal-punti ta' liġi li jkunu għad-dispożizzjoni tal-istituzzjoni fil-mument tal-adozzjoni, espliċita jew impliċita, ta' din ir-risposta, bla ħsara għall-possibbiltà, għall-istituzzjoni li tagħti informazzjoni supplimentari matul il-fażi kontenzjuża.

(ara l-punt 45)